**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 3 ta' April 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Abdelhadi Ali Mohammed**
**Omissis**
**Mohammed Alhaddy Mohammed**
**Mohammad Ahmad Mohammad**
**Sefedin Mohammed Saleh**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Abdelhadi Ali Mohammed** ta' 20 sena, Nazzjonalita Sudan, iben Ali u Rahma, imwieled Sinnar- Sudan nhar it -23 ta' Dicembru, 2000 u prezentament residenti gewwa Hal-Far Open Centre u detentur ta' Numru tal-Pulizija 20L-077;

**Omissis**

**Mohammed Alhaddy Mohammed**, ta' 24 sena, Nazzjonalita Sudan, iben Alhaddy u Hajad, imwieled Darfour- Sudan nhar il- 11 ta' Lulju,

1996 u prezentamentbla residenza u detentur ta' Numru tal-Pulizija 20C-018;

**Mohammad Ahmad Mohammad**, ta' 24 sena, Nazzjonalita Sudan, iben Ahmed u Arashala, imwieled Kabkabya, Al-Fasher Darfur- Sudan nhar is-17 ta' Ottubru, 1996 u prezentament residenti gewwa Hal-Far Open Centre u detentur ta' Numru tal-Pulizija 20C-090;

**Sefedin Mohammed Saleh,** ta' 25 sena, Nazzjonalita Sudan, iben Mohammed Saleh u Huda Adam, imwieled Darfour - Sudan nhar it- 13 ta' Mejju, 1995 u prezentament bla indirizz u detentur ta' Numru tal-Pulizija 20C-075;

U nakkuzahom talli fit-03 ta' April, 2021, ghal-habta tas- 02:00hrs gewwa Valletta Gateway Terminals - Laboratory Wharf Rahal il-Gdid:

1. Bħala persuni illi imbarkaw jew żbarkaw, minn jew ġo Malta naqsu illi jkollhom passaporti u naqsu illi jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, bil-moħbi mbarkaw u bahhru ma' bastiment, jew provaw bil-moħbi jimbarkaw biex ibahhru ma' bastiment, mingħajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' uffiċjal jew persuna oħra inkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna oħra li jkollha d-dritt li tagħti dak il-kunsens (Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Nakkuzahom ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kisru xi dispozizzjoni ta' dan l-att li dwarha mhux stabbilit reat taht xi artikolu iehor ta' dan l-att ai termini ta' l-Artikolu 32(1)(g) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, naqsu li jidhlu gewwa xi area maghluqa ta' port jew li hargu minnha mill-postijiet tad-dhul

jew hrug mahsuba ghal hekk u waqt li kienu f'dik l-area jew fuq dak il-moll, naqsu milli jharsu dawk l-ordnijiet li jistghu minn zmien ghal zmien jinghataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-kaz u l-kondizzjonijiet ta' kull avviz jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità (Sec. 55, SL.499.01 tal-Ligijiet ta' Malta);

Lil **Mohammed Alhaddy Mohammed (20C-018) wahdu** akkuzat talli:

5. Sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello LLD nhar 18 ta' Frar, 2021, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' kull wiehed minnhom. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat Mustafa Ibrahim Attanila ghadu minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 184 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 55 ta' l-Avviz Legali 43 tas-sena 1996, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Mohammed Alhaddy Mohammed** hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija u multa ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Wara li rat l-artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 184 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolament 55 ta’ l-Avviz Legali 43 tas-sena 1996, fuq ammissjoni ssib lill-imputati **Abdelhadi Ali Mohammed, Mohammad Ahmad Mohammad, u Sefedin Mohammed Saleh** hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija u multa ta’ hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Wara li rat l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 184 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolament 55 ta’ l-Avviz Legali 43 tas-sena 1996, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Omissis** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah xahrejn (2) prigunerija u ammenda ta’ hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**